MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2005

Numru 285/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**Vs**

Joseph Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputat Joseph Scicluna ta' karta ta' identita' numru 587938(M), akkuzat talli:

1) bejn il-5 u d-9 t'April 2003 fl-ghalqa 'Ta Sant' Agata' fis-Siggiewi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Nicholas Scicluna, liema ammont huwa ta' aktar minn Lm50.00 imma anqas minn Lm500.00 skond l-Art. 325 Sub 1b tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali;

2) fl-ahhar ta' Marzu 2003, fl-ezercizzju ta' jedd li qed jippretendi li ghandu, fixkel lil kwerelant fil-pussess ta' hwejjgu, billi filwaqt li l-kwerelant jiddittjeni b'titolu ta' qbiela parti mill-ghalqa Ta' Sant' Agata fil-limiti tas-Siggiewi, imbarrallu l-access ghal din l-ghalqa billi ghalaqlu fetha li taghti ghaliha minn ghalqa biswit li hija wkoll detenuta mill-istess Nicholas Scicluna u dan bi ksur ta' l-artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jittrattaw l-hsara volontarja u r-ragion fattasi.

Billi l-parti leza ddikjarat illi l-hsara kienet f'ammont ta' anqas minn Lm50 u dina gja thallset;

Billi ghalhekk iz-zewg akkuzi huma prosegwibbli biss fuq il-kwerela tal-parti leza li qeghdha tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali.

Tiddecidi ghalhekk li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tal-kawza u tiddikjara procediment esawrit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------